


*Ħjiel ħafif dwar*

# L-Istorja u l-Arkitettura tal-Knisja ta' Ħal Balzan



Kitba ta' Carmel Bezzina B.A., M.A., M.Ed. Couns. (Bristol), Dip. Sch. Couns.

Il-Knisja Parrokkjali f'kull belt u raħal hija l-post fejn in-nies tal-lokal jingħabru sabiex, bħala familja waħda, ifaħħru 'l Alla, jitolbu flimkien, u jiċċelebraw l-Ewkaristija u s-sagramenti. Hija l-imkien fejn il-komunità parrokkjali tifraħ bil-magħmudija ta' xi tarbija fil-familja jew bl-għaqda flimkien ta' koppja ġdida fis-sagrament taż-żwieġ, u hija wkoll il-post fejn tingħata l-aħħar tislima lil xi membru tal-familja li jkun ħalliena. Il-knisja parrokkjali hija l-post fejn naqsmu l-ferħ u n-niket tagħna flimkien bħal aħwa.

## It-Twaqqif tal-Parroċċa

Il-komunità parrokkjali ta' Ħal Balzan ilha mwaqqfa 350 sena, għalkemm dan ir-raħal kien ilu mgħammar bin-nies sa minn ħafna snin qabel. Is-sena d-dieħla, jekk Alla jrid, se nfakkru b'mod xieraq din il-ġrajja importanti meta, nhar l-14 ta' Awissu 1655, l-Isqof Michael Joannes Balaguer Camarasa waqqaf il-lokalità ta' Ħal Balzan bħala Parroċċa għaliha, separata mill-matriċi ta' Birkirkara. Naturalment l-ewwel knisja parrokkjali ma kenitx dik li għandna llum iżda l-knisja ż-żgħira ta' l-Annunzjata, li għadha wieqfa sal-lum, fi Triq it-Tliet Knejjes. Iżda l-Balzanin ma damux ma bdew jaħsbu biex jibnu knisja oħra, akbar u isbaħ, iddedikata wkoll lil-Lunzjata, biex tilħaq il-bżonnijiet ta' komunità li kienet dejjem tikber. Anzi l-ħsieb li tinbena knisja ġdida kien ilu jberren f'moħħ il-Balzanin sa minn qabel it-twaqqif tal-parroċċa. F'din il-kitba se nagħti ħjiel ħafif ta' dan it-tempju tagħna, kemm mil-lat storiku kif ukoll minn dak arkitettoniku, sabiex nagħrfu dejjem iżjed napprezzaw dan il-wirt li ħallewlna missirijietna.

## Il-Bini tal-Knisja Parrokkjali: Ftit Storja

"L-ewwel tagħrif li għandna dwar il-ħsieb li tinbena l-knisja parrokkjali," jgħidilna Mons. Dun Ġwann Dimech, "insibuh fir-rikors ippreżentat lill-Isqof Balaguer fl-1655 miż-żewġ prokuraturi tal-knisja ta' Ħal Balzan, il-kjeriku Marco Antonio Chetcuti u Pietru Micallef."[1] Dun Ġwann jikkwota minn dan ir-rikors, bid-data tad-19 ta' Marzu 1655, li fi tmiemu nsibu li: "It-twajba Giovanna Chetcuti tħalli l-art magħrufa b'Ta' Hauisca u wkoll legati oħra bl-iskop li tinħoloq prebenda għall-kappillan, tiġi megħjuna l-veneranda lampada, u wkoll biex tinbena knisja parrokkjali ġdida."[2] U saħansitra "fid-digriet li l-Isqof Balaguer ħareġ biex jiddikjara t-twaqqif tal-parroċċa nhar l-14 ta' Awissu 1655, huwa jagħti l-kunsens tiegħu li tinbena din il-knisja l-ġdida meta jgħid: 'Naqblu wkoll li tinbena knisja parrokkjali ġdida.'"[3]

Fl-ewwel snin tas-seklu 17 il-bini ta' knejjes ġodda fl-irħula kien fl-aqwa tiegħu. Biżżejjed insemmu, fost oħrajn, il-knejjes ta' Ħ'Attard, tan-Naxxar, u ta' Birkirkara, dik li llum insejħulha l-knisja l-qadima. Ħal Lija diġà kellhom il-knisja l-qadima tas-Salvatur. Qed insemmi biss l-irħula viċini ta' Ħal Balzan, li ma setgħux ma influwenzawx lin-nies ta' dan ir-raħal sabiex huma wkoll ma jibqgħux lura milli jtellgħu knisja ġdida li tkun tixraq lill-parroċċa li kienet għadha kemm twaqqfet. Fi żmien il-bini tal-knisja, Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 550 ruħ, li minnhom 80 kienu bejn tfal, morda, u nies diżabbli, u dawn kienu joqogħdu f'140 lok. Dan insibuh fir-relazzjoni tal-viżta pastorali li għamel lill-parroċċa tagħna l-Isqof Fra Lucas Buenos nhar it-30 ta' Diċembru 1667.[4]

Bejn il-mewt ta' l-Isqof Buenos f'Settembru 1668 u l-ħatra ta' l-Isqof Lorenzo Astiria f'Ġunju 1670, meta d-djoċesi kienet amministrata mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Battista Cauchi, "iż-żewġ prokuraturi tal-knisja ta' Ħal Balzan, Gio Maria Frendo u Benedetto Borg, ippreżentaw lill-Vigarju Ġenerali rikors li bir-raġun kollu nsejħulu 'storiku' għaliex jolqot mill-qrib ħafna lill-Balzanin li jħobbu lill-knisja parrokkjali..." F'dan ir-rikors jingħata ħjiel ta' fejn kellha tinbena din il-knisja l-ġdida. Fost

ħwejjeġ oħra, fir-rikors naqraw: "Ġie maħsub li bħala lok għal din il-knisja parrokkjali l-ġdida jkun il-post minflok il-lok ta' djar ta' Giovanni Hagius u ta' Pasqualina, armla tal-mejjet Pawlinu Borg, ta' parruċċani oħra li huma wkoll offrew id-djar tagħhom biex b'hekk il-knisja tista' tinbena fil-qalba ta' l-abitat ta' l-imsemmi raħal." [5] Illum, meta nqisu li l-eqdem żewġ kontradi ta' Ħal Balzan kienu dawk ta' l-inħawi tat-tliet knejjes u ta' madwar il-knisja ta' Santa Marija, [6] jidher ċar li l-knisja parrokkjali l-ġdida nbniet sewwasew nofs triq bejniethom. Dettal ieħor dwar il-post fejn inbniet il-knisja nsibuh aktar tard fir-relazzjoni tat-tieni viżta li għamel lill-knisja ta' Ħal Balzan l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan, nhar l-1 ta' Mejju 1736. Jgħidilna: "Din il-knisja nbniet f'parti watja ta' Ħal Balzan." Iżid ukoll li "nbniet skond l-aħħar żviluppi ta' l-arti arkitettonika. Għandha l-faċċata tagħha tispiċċa b'salib tal-ġebel, u tħares lejn il-punent. Din il-knisja għandha forma ta' salib." [7]



*Dehra minn barra tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan kif tidher mill-faċċata.*

## Għamla u Orjentazzjoni tal-Knisja

Dan iwassalna għall-għamla u l-orjentazzjoni tal-knisja. Il-knisja l-ġdida kellha tkun forma ta' 'Salib Latin', jiġifieri l-korsija flimkien mal-kor jiffurmaw il-parti vertikali tas-salib, filwaqt li l-kappelluni jiffurmaw id-dirgħajn il-mimdudin. Din kienet l-għamla tipika tal-knejjes il-kbar li kienu qed jinbnew dik il-ħabta, effett dirett ta' l-influwenza Taljana fuq l-arkitettura ekkleżjastika ta' gżiritna. Ma ninsewx li hawn ninsabu fil-qofol tar-Rinaxximent ta' l-arkitettura tal-knejjes parrokkjali l-ġodda ta' pajjiżna, l-aktar mill-1615 'il quddiem. Mons. Prof. Vinċenz Borg jgħid li: "Dan l-iżvilupp, x'aktarx, jaf il-bidu tiegħu lill-pjanta li l-Ġiżwita Giuseppe Valeriano hejja għall-knisja tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti tal-Belt li bdiet tinbena fl-aħħar snin tas-seklu sittax." [8] Barra minn hekk, dan jaqbel ma' dak li kien iddekreta l-Konċilju ta' Trentu fl-1563, li l-pjanta forma ta' salib Latin kienet dik li l-aktar tixraq għall-bini tal-knejjes Kattoliċi. Sa tmiem is-seklu 16 din il-għamla ta' knisja kienet għadha ma daħlitx f'pajjiżna.

Sa dak iż-żmien, il-knejjes tagħna kellhom għamla sempliċi ħafna: faċċata x'aktarx lixxa, b'tieqa ċkejkna tonda jew ovali, u kultant kwadra, fuq il-bieb ewlieni, xi mindaqqiet bi struttura sempliċi fuq nett tal-faċċata fejn titqiegħed qanpiena żgħira, u b'salib tal-ġebel fuq kollox. Minn ġewwa, binja rettangolari, b'saqaf ċatt imżerżaq kemxejn fil-ġnub, miżmum minn ħnejjiet imqassmin bejn waħda u oħra skond it-tul tax-xorok, kif inhi msaqqfa l-Lunzjata l-qadima, jew inkella b'saqaf troll jew nofs tond, bix-xorok imqegħdin direttament fuq it-tond tal-ħnejja. Dan l-aħħar stil ta' tisqif insibuh fil-knisja ta' Santu Rokku, fi Triq it-Tliet Knejjes ukoll. L-effett ġenerali huwa wieħed ta' sempliċità, li mhix nieqsa minn ċerta eleganza.

Il-knisja l-ġdida kellha timxi fuq l-orjentazzjoni perfetta tal-parti l-kbira tal-knejjes parrokkjali l-ġodda li għadna kemm semmejna, jiġifieri bl-artal maġġur iħares lejn il-lvant u bil-bieb il-kbir iħares lejn il-punent. B'hekk il-kongregazzjoni miġbura fil-knisja, flimkien mas-saċerdot li dak iż-żmien kien iqaddes daħru lejn in-nies, ikunu qed iħarsu lejn tlugħ ix-xemx. Ma ninsewx li għalina l-insara, ix-xemx tissimbolizza lil Ġesu Kristu, li huwa l-veru dawl tad-dinja. Għalkemm din l-orjentazzjoni ma jidhirx li kienet xi ħaġa stabbli f'Malta, l-aktar fil-perjodu Barokk, insibuha osservata f'ħafna knejjes antiki ta' Malta. Apparti l-knisja l-qadima tal-Lunzjata f'Ħal Balzan u għadd ta' kappelli żgħar oħra fl-irħula, knejjes kbar b'din l-orjentazzjoni nsibu wħud minn dawk li nbnew qabel tagħna, bħall-knejjes ta' Ħaż-Żebbuġ, H'Attard, in-Naxxar, Ħal Għargħur, iż-Żurrieq, u l-knisja l-qadima ta' Birkirkara, u oħrajn li nbnew warajha, bħall-Katidral ta' l-Imdina, u l-knisja taż-Żejtun.

## Min seta' kien l-Arkitett tal-Knisja ta' Ħal Balzan?

Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan hija waħda mill-knejjes li l-arkitett tagħha m'huwiex magħruf. Dan m'għandux għalfejn jissorprendina. "Huwa fatt aċċettat mill-istudjużi kollha ta' l-istorja ta' l-arkitettura ta' Malta," jgħidilna l-perit Michael Ellul, "li l-arkitetti tal-maġġoranza tal-bini monumentali tagħna m'humiex magħrufa." [9] L-arkitett li ddisinja l-knisja ta' Ħal Balzan juża l-ordni Doriku Toskan ġgantesk (bl-Ingliż *giant order*), kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-knisja, iżda fiha nsibu eżempji sbieħ ta' l-istili klassiċi l-oħra li tant kienu popolari fl-arkitettura ta' żmien l-Ordni. [10] Hawn ninsabu fi żmien ir-Rinaxximent, meta fl-Ewropa reġgħu skoprew mill-ġdid l-arti ta' Ruma u l-Greċja tal-qedem. Dawn l-istili jew ordnijiet fl-arkitettura jafu l-bidu tagħhom fil-Greċja. Kienu tlieta l-ordnijiet arkitettoniċi ewlenin, u dawn jingħarfu mid-dekorazzjoni u l-proporzjon tal-



*Il-pilastri doppji b'kapitelli ta' ordni Toskan li nsibu fuq kull naħa tal-faċċata u fil-kantunieri tal-kappelluni.*

kolonni jew pilastri, mill-kapitelli, u mill-arkitrav, il-friż, u l-gwarniċun li jserraħ fuqhom. [11]

Fil-knisja ta' Ħal Balzan, l-ordni Toskan huwa wżat kemm fl-entablatura tal-faċċata kif ukoll mad-dawra tal-knisja kollha, minn barra u minn ġewwa. Il-pilastri sempliċi imma solidi tal-knisja tagħna, kemm fuq barra fejn narawhom doppji fuq kull naħa tal-faċċata kif ukoll fil-kantunieri tal-kappelluni, u anke minn ġewwa, l-aktar fil-pilastri maġġuri ta' taħt il-koppla, b'dik iz-zokklatura baxxa, huma eżempji sbieħ ħafna ta' l-istil Toskan. Xi kultant il-kapitell Doriku Toskan lixx kienu jiskolpuh, kif naraw li sar fil-kapitelli ta' ġewwa l-knisja. It-triglifi, li huma element dekorattiv ta' l-istil Doriku, insibuhom biss fuq il-pilastri, kemm barra kif ukoll ġewwa, iżda fil-faċċata tal-knisja narawhom tul il-medda kollha tal-friż, sintendi għal raġunijiet ornamentali. Il-ħames bibien tal-knisja – il-bieb il-kbir, il-bibien taż-żewġ kappelluni, u ż-żewġ bibien tal-korsija – għandhom ukoll dekorazzjoni Dorika, bil-pilastri skanalati fuq kull naħa tal-bieb u bl-entablatura komplita għaddejja minn fuq il-blata. L-arkitettura ta' madwar il-bieb il-kbir hija aktar elaborata billi fil-metopi tal-friż insibu rużuni żgħar li joffru ċerta ħlewwa lill-kumpless kollu.

L-użu estensiv ta' l-ordni Doriku Toskan iwassal lill-Professur Quentin Hughes u lill-perit Conrad



*Wieħed mill-pilastri maġġuri ta' taħt il-koppla. Nosservaw l-entablatura dettaljata u l-kapitell Toskan skolpit.*

Thake biex, fl-aħħar pubblikazzjoni tagħhom, jattribwixxu tentativament il-knisja ta' Ħal Balzan lil Francesco Buonamici (1596-1677), li bejn is-snin 1635 u 1659 kien arkitett u inġinier militari ta' l-Ordni. [12] Buonamici twieled fil-belt Toskana ta' Lucca fl-1596. Għalkemm ix-xogħol ewlieni tiegħu bħala inġinier militari kien marbut mal-fortifikazzjonijiet u xogħlijiet oħra ta' difiża, kien fil-qasam ta' l-arkitettura reliġjuża u ċivika li Buonamici ddistingwa ruħu. Fil-fatt, Buonamici huwa meqjus bħala l-pijunier ta' l-arkitettura ekkleżjastika Barokka f'Malta. Ix-xogħlijiet il-kbar f'pajjiżna attribwiti lil dan l-arkitett huma l-knisja ta' San Nikola, magħrufa aħjar bħala 'Ta' l-Erwieħ', fi Triq il-Merkanti l-belt Valletta, il-bini mill-ġdid tal-knisja flimkien mal-kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-belt ukoll, kif ukoll il-faċċata u t-tkabbir u l-ippjantar mill-ġdid tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl, u l-kulleġġ Wignacourt, fir-Rabat. Xogħlijiet oħra ta' Buonamici jinsabu f'Lucca u f'Siracusa. Ħalla Malta għal kollox fl-1659 biex reġa' lura lejn belt twelidu, Lucca, fejn miet fis-sena 1677. Meta ħalla pajjiżna, ħafna mix-xogħlijiet tiegħu tkomplew lejn tmiem is-seklu 17 mill-allievi tiegħu, ewlieni fosthom l-arkitett Lorenzo Gafa. [13]

Billi karatteristika ewlenija ta' Buonamici hija l-użu tal-pilastri Doriċi, kif narawhom fil-faċċata tal-knisja tal-Ġiżwiti fil-belt u f'dik ta' San Pawl fir-Rabat, l-istudjużi msemmija raw rabta bejn dan l-arkitett u l-knisja ta' Ħal Balzan: *"An attribution to Buonamici could be posited on the grounds of this stylistic indicator and the fact that he was engaged on various ecclesiastical works on the island during this period."* [14] Għalkemm din m'hijiex ħlief attribuzzjoni, jista' jkollha s-siwi tagħha wkoll għax, kif jikteb il-perit Ellul: "Attribuzzjoni stilistika, ibbażata fuq studju serju ta' l-istil ta' dak li jkun maħsub li jkun l-awtur imqabbel ma' xogħlijiet oħrajn awtentiċi tiegħu, għandhom siwi kbir, iżda jħalluna fil-kamp ta' l-ipotesi." [15] Il-perit u storiku Leonard Mahoney wkoll jolqtuh il-pilastri twal tal-faċċata, u jfakkruh f'dawk tal-knisja l-qadima ta' Santa Venera li kienet bdiet tinbena ftit snin qabel dik ta' Ħal Balzan. Iżda l-knisja minn ġewwa, jgħidilna, tissellef motivi mill-knisja tal-Ġiżwiti. [16]

## Il-Knisja minn Barra

Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan min-naħa ta' barra hi maqtugħa għaliha weħidha minn kullimkien u b'hekk tista' titgawda minn kull naħa tagħha. Int u nieżel mit-Triq il-Kbira, kif tasal ħdejn il-knisja ta' Santa Marija, dlonk tixref il-faċċata tal-knisja, bil-koppla lewn it-terrakotta tiddomina u tifrex il-ħarsa tagħha minn bejn iż-żewġ naħat tat-triq. Aktar ma toqrob lejha, id-dehra tkompli titwessa' sakemm jinfirxu quddiemek il-kappelluni u l-kampnar fuq in-

naħa tal-lemin. Il-balavostrar taz-zuntier, bl-istatwi ta' Marija Annunzjata u l-Arkanġlu Gabriel, flimkien ma' San Pietru u San Pawl, imperrċin fuq il-pedistalli tagħhom, donnhom jistiednu lill-parruċċani jgħaddu sal-knisja, ikomplu jżidu mas-sens tas-sagru. Dehra differenti tal-knisja tinfirex quddiemek int u tiela' min-naħa tal-pjazza, dehra li missirijietna ma kellhomx billi fil-ġenb tal-kampnar u fuq wara tal-knisja, daqs sittin sena ilu, kien kważi kollu mibni. Għalkemm iż-żewġ sagristiji nbnew fl-ispazji ta' bejn il-kor u l-kappelluni, jidher li meta bnewhom qagħdu attenti ħafna li jżommuhom baxxi biex b'hekk ma jtellfu xejn mil-linja ewlenija tal-knisja.

Il-knisja hija pjuttost sempliċi meta tħares lejha minn barra. Tixhed ċerta serjetà kważi awstera, donnha binja fortifikata, bil-gwarniċun jaqta' għad-dritt u mingħajr opramorta. Dan jista' jkun frott tal-'mentalità ta' l-assedju' li kienet għadha prevalenti f'pajjiżna f'dik l-epoka, minkejja li l-Assedju l-Kbir kien ilu li għadda mal-mitt sena. Huma l-koppla u l-kampnar li jagħtu lill-knisja dik id-delikatezza kważi lirika. Il-Professur Hughes ifaħħar il-faċċata tal-knisja, b'dawk il-pilastri twal tagħha, u jgħid li tixhed influwenza Spanjola: *"Balzan church, dedicated to the Annunciation, has a rich and unusual façade with elongated pilasters and was built during the years 1669 and 1695. Here is a façade with a strongly Spanish flavour."* [17] M'hijiex faċċata partikularment monumentali, jiktbu Hughes u Thake fix-xogħol li diġà semmejna. Isemmu l-pilastri twal doppji fuq kull naħa tagħha u t-taqsim simmetriku, bil-bieb ewlieni fin-nofs, niċċa bl-istatwa tal-Madonna, u tieqa kbira tonda fuqha li tasal sal-friż. Il-frontispizju, maqsum fi tliet segmenti, jikkompletaha: *"A pair of giant order pilasters frames the façade at both ends. The composition of the façade is formal and symmetrical with the main entrance portal, a niche containing a statue of Our Lady, and a circular window all aligned along the central axis. A broken segmental pediment with a raised centrepiece crowns the façade."* [18]

## Il-Knisja minn Ġewwa: Il-Korsija

Il-knisja għandha daqs sabiħ, u żgur li kienet meqjusa knisja kbira għall-popolazzjoni ta' dak iż-żmien. Hija twila ftit aktar minn 131 pied (jew 40 metru) mill-bieb il-kbir fil-fond tal-korsija sa l-apside tal-kor, filwaqt li fl-akbar wisa' tagħha, bejn it-truf tal-kappelluni, il-knisja fiha 101 piedi (jew kważi 31 metru). Il-wisa' fit-tislib tal-koppla bejn il-pilastri maġġuri huwa ta' 23 pied u nofs (jew ftit aktar minn 7 metri).

Nitkellmu ftit aktar fid-dettal fuq l-arkitettura tal-knisja, u nibdew mill-korsija. Bħall-korsiji ta' bosta knejjes f'pajjiżna, din hi maqsuma fi tliet taqsimiet, jew kif jissejħu bl-Ingliż *bays*, b'pilastru bejn kull taqsima. Din l-istruttura fi tliet taqsimiet m'hijiex riflessa fil-gwarniċun u l-friż, billi kif naqbżu l-pilastri maġġuri l-entablatura tibqa' għaddejja dritta mingħajr ma tinkiser u tirsalta 'l barra fuq il-pilastri l-oħra tal-korsija. Fit-tliet spazji ta' bejn il-pilastri nsibu speċi ta' niċċa mdaħħla 'l ġewwa. Din hi magħmula minn arkitrav nofs tond, jistrieħ fuq impostatura mal-ġenb tal-pilastri, kollox skolpit b'mod elaborat ħafna. F'erbgħa minn dawn l-ispazji nsibu erba' artali, tnejn fuq kull naħa. Fiż-żewġ spazji tan-nofs hemm żewġ bibien li jagħtu għal barra, b'tieqa żgħira ovali fuqhom. F'dawn hemm żewġ niċeċ, waħda għall-istatwa titulari ta' l-Annunzjata u l-oħra għall-Madonna tar-Ružarju. Fuq iż-żewġ naħat tal-bieb il-kbir insibu żewġ niċeċ żgħar ġejjin għat-tond f'forma ta' arzella. Waħda sservi ta' niċċa għall-istatwa tad-Duluri u fl-oħra nsibu l-fonti tal-Magħmudija. Dawn in-niċeċ għandhom ornamentazzjoni sempliċi li tixbah ħafna lil dik li nsibu mal-bibien fuq barra tal-knisja: żewġ pilastri Toskani fuq kull naħa bl-entablatura skolpita għaddejja fuq kollox.

Min hu dilettant ta' l-arti u jaf josserva, ma jistax ma jinnutax id-differenza fil-metodu ta' tisqif bejn il-korsija fuq naħa, u l-kor u l-kappelluni fuq in-naħa l-oħra. Il-korsija tal-knisja ta' Ħal Balzan hija msaqqfa bħall-knejjes kollha ta' l-ewwel nofs tas-seklu 17, jiġifieri saqaf troll (bl-Ingliż *barrel vault*) li jibda direttament minn fuq il-gwarniċun. Bejn il-ħnejja prinċipali fuq il-pilastri maġġuri ta' taħt il-koppla u l-bieb il-kbir tal-knisja, insibu tliet ħnejjiet oħra li jitilgħu minn fuq it-tliet pilastri, biex hekk il-korsija jiġi li fiha tliet taqsimiet, kif diġà semmejna. Kull waħda minn dawn it-taqsimiet fiha żewġ kustilji li jaqsmu d-differenza bejn ħnejja u oħra, u hekk jiġi li kull taqsima fiha tliet partijiet jew flieli. Fin-nofs ta' kull taqsima nsibu tieqa żgħira rettangolari fuq kull naħa tas-saqaf. Bejn l-aħħar pilastru u l-bieb ta' barra nsibu felli ieħor. Aktar tard dan kellu jagħmilha eħfef, meta ġew biex ineħħu l-orgni mill-kor u jqegħduh fil-korsija fl-1825, biex il-gallerija ta' l-orgni ma jkollhiex għalfejn tisporġi fuq l-ewwel żewġ artali tal-knisja. B'hekk il-korsija ngħidu li fiha tliet taqsimiet u biċċa, jew aħjar għaxar flieli b'kollox.

Is-saqaf troll tal-korsija, bi stil sempliċi u rudimentali ħafna li jixbah is-soqfa tal-kappelli ż-żgħar ta' seklu qabel, narawh ukoll fil-knejjes iddisinjati minn Ġlormu Cassar (1520-1586), inġinier militari ta' l-Ordni, u minn ibnu Vittorio Cassar (1550-1607), kif ukoll minn Tumas Dingli (1591-1666), knejjes bħal ta' Ħaż-Żebbuġ, H'Attard, in-Naxxar, Ħal Għargħur, Ħaż-Żabbar, u l-knisja l-qadima ta' Birkirkara. Ġlormu Cassar u Tumas Dingli huma meqjusin l-arkitetti ewlenin ta' l-epoka Rinaxximentali f'pajjiżna, qabel il-wasla tal-Barokk.

## Il-Kor u l-Kappelluni

Meta niġu għall-kor u l-kappelluni ninnutaw stil ta' tisqif differenti. Hawn ma nistgħux ma nsemmux li bejn il-bini tal-korsija u l-bqija tal-knisja kienu għaddew xi snin. Mir-relazzjoni ta' l-ewwel viżta pastorali ta' l-Isqof David Cocco Palmieri lill-knisja ta' Ħal Balzan, nhar it-3 ta' Diċembru 1686, insiru nafu li din il-knisja, mibnija "xi snin ilu min-nies twajba ta' dan ir-raħal", inbniet "fuq stil modern, il-kobor tagħha hu biżżejjed, u wkoll hi ta' dekor li ma bħalu u għandha forma ta' Salib. Din tikkonsisti f'navata prinċipali b'erba' artali ... li huma lesti minn kollox. Iżda l-kor u l-kappelluni, għad li x-xogħol tal-bini tagħhom tela' sewwa, għadhom m'humiex lesti." [19] Seba' snin wara saret viżta pastorali oħra mill-istess isqof nhar it-18 ta' Ottubru 1693. Mir-relazzjoni ta' din il-viżta nsibu li: "L-E.T. Mons. Isqof żar il-korp tal-Knisja li jikkonsisti fil-korsija prinċipali. Il-kor u l-kappelluni, għad li huma mibnija, għadhom mifrudin b'ħajt fin-nofs u n-naħa ta' fuq tagħhom, in-naħa tas-saqaf, għadhom mhux mibnija skond il-pjanta. ... Dan kollu kawża ta' nuqqas ta' qbil fil-fehmiet tan-nies dwar l-ordni li għandu jinżamm fil-bini tas-saqaf tal-kor u tal-kappelluni." Għaldaqstant l-isqof ħatar prokuraturi ġodda biex jieħdu ħsieb it-tkomplija tal-bini, u biex "jaqta' l-inkwiet fost il-poplu għażel lill-arkitett Lorenzo Gafa u lil Giovanni Barbara, kapumastru ta' l-Ordni, biex jieħdu f'idejhom ix-xogħol tal-bini ħalli jsir skond id-direzzjoni tagħhom." [20] Milli jidher ix-xogħol beda miexi, għax fir-relazzjoni tat-tielet viżta pastorali ta' l-istess isqof, nhar l-20 ta' Settembru 1699, jissemma għall-ewwel darba li l-knisja kienet lesta. [21]

Minn dan jidher ċar li fit-tisqif tal-kappelluni u l-kor, u allura x'aktarx fil-bini tal-koppla wkoll, kien hemm l-id ta' Lorenzo Gafa (1639-1703) li, bla dubju ta' xejn, kien l-arkitett l-aktar kapaċi u prolifiku li kellha Malta fit-tieni nofs tas-seklu 17, u ta' Giovanni Barbara (1642-1728). Kien f'dan iż-żmien li l-arkitettura tal-knejjes tagħna bdiet tieħu xejra oħra bl-introduzzjoni tal-Barokk, li mill-Italja sab triqtu wkoll fil-gżejjer tagħna. Żewġ karatteristiċi importanti li bdew jidhru fil-knejjes tagħna f'din l-epoka, u li ma kontx issibhom fil-knejjes li ġew qabilhom, huma l-forma apsidata tal-kor u tan-navati prinċipali, u l-metodu tat-tisqif tal-knisja.

## L-Apside tal-Kor

Nibdew minn ta' l-ewwel. Jekk inħarsu lejn il-kor tal-knisja ta' Ħal Balzan u nqabblu l-forma tiegħu ma' dik tal-korsija, malajr nosservaw id-differenza. Filwaqt li l-korsija tagħlaq b'mod ċatt u lixx in-naħa tal-bieb il-kbir, il-kor ġej għat-tond u jispiċċa b'mod elaborat ħafna f'forma ta' arzella. Skond il-Prof. Mons. Vinċenz Borg, dan ġej minn rivalutazzjoni ta' aspett arkitettoniku tal-knejjes medjevali Maltin, li kien ikollhom apside riservata għall-artal, u wkoll kienu jiddekoraw il-prospettiva ta' l-artal, karatteristika li kisbet aktar importanza fl-epoka Barokka. [22] Dan biex ma nsemmux li, filwaqt li l-knisja hi ta' ordni Doriku Toskan b'zokklatura baxxa, kif diġà semmejna, din l-apside hi ta' ordni Kompost u l-pilastri tagħha huma elevati fuq pedistall għoli. "F'din l-arzella jolqtok l-għadd ta' anġli tal-ġebel ta' kull daqs li qegħdin f'pożizzjonijiet differenti qalb sħab li qed idawwar raġġiera li f'nofsha jidher jittajjar l-Ispirtu s-Santu." Dun Ġwann Dimech ikompli hekk: "Din l-arzella tixbah ħafna lill-arzella ċelebri tal-Bernini fil-Bażilka ta' San Pietru f'Ruma." [23] L-istil Barokk jinħass ħafna f'din l-apside, u kien jidher aktar fl-aqwa tiegħu meta kienet għadha fl-istat oriġinali tagħha qabel tneżżgħet mill-iskultura li kienet iżżejjinha lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20. Ħarsa lejn ritratti ta' dak iż-żmien juruna prospettiva l-ġmiel tagħha, integrata ħaġa waħda mill-art sas-saqaf, biż-żewġ statwi ta' San Pietru u San Pawl fuq kull naħa fl-ispazji ta' bejn il-pilastri. Dawn iż-żewġ statwi llum jinsabu fuq iz-zuntier tal-knisja. Ħasra li l-knisja tagħna, bħal knejjes oħra f'pajjiżna, kellha ġġarrab dan it-telfien irreparabbli



*L-arzella ta' l-apside tal-kor. L-iskultura rikka ta' l-arzella turi dak li għad baqa' mill-iskultura Barokka li kienet iżżejjen din l-apside sa l-aħħar snin tas-seklu 19.*



*L-apside tal-kor kif tirrifletti ruħha fuq in-naħa ta' wara tal-knisja minn barra.*

fl-ornamentazzjoni Barokka tagħha, ħtija tal-"manija Neoklassika", kif isejħilha l-Prof. Borg. [24]

Ngħaddu issa għall-istruttura tas-saqaf tal-kor u l-kappelluni meta mqabbla mal-korsija. Mad-dħul tal-Barokk, is-saqaf tal-knejjes ma baqax aktar forma ta' troll li jibda minn fuq il-gwarniċun u bi twieqi żgħar fih, kif naraw fil-knejjes ta' Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, H'Attard, in-Naxxar, u oħrajn, u kif naraw ukoll fil-korsija tal-knisja parrokkjali tagħna. Is-saqaf beda jieħu forma aktar eleganti u għolja minn dik li kellu qabel, billi l-ħnejjiet prinċipali bdew jitqiegħdu fuq attiku, speċi ta' bażi jew pedistall 'il fuq miċ-ċinta, dik li hawn Malta mdorrijin insejħulha s-sekond'ordni. Barra dan, minflok is-sistema tas-saqaf troll li diġà ddeskrivejna, żvolġa l-metodu l-ġdid ta' tisqif imsejjaħ *cross vaulting*, li ppermetta li bejn ħnejja u oħra jitqiegħdu twieqi pjuttost kbar fuq kull naħa li taw ħafna dawl lill-knejjes. Minn fuq kull naħa tat-tieqa jitilgħu żewġ linji msallbin li jiffurmaw lunetta u jingħaqdu flimkien lejn nofs it-tond tas-saqaf. Din is-sistema ta' tisqif tat spazju kbir lill-pitturi u lill-artisti tagħna fejn setgħu jixxalaw fil-pittura u d-dekorazzjoni tagħhom.

Din l-istruttura ta' saqaf ma nsibuhiex fil-knisja ta' Ħal Balzan, x'aktarx minħabba l-fatt li l-arkitett, li sab diġà s-saqaf troll tal-korsija lest, kellu b'xi mod jintegra s-soqfa tal-kor u l-kappelluni ma' dan is-saqaf. Minflok, il-kor u l-kappelluni huma msaqqfin b'koppletta magħluqa, imsejħa koppletta kallotta, li tistrieħ fuq erba' ħnejjiet kbar, il-ħnejja ta' taħt il-



*Il-ħnejjiet ewlenin tal-knisja, fejn jingħaqdu flimkien il-korsija, il-kor, u l-kappelluni, u li fuqhom tistrieħ il-koppla. Jidher tajjeb l-istil ta' tisqif li ntuża fil-kappelluni u l-kor.*

koppla u tliet ħnejjiet oħra li flimkien jiffurmaw il-kwadrat tal-kappelluni u l-kor. Din l-għamla ta' tisqif insibuha wkoll fil-kappelluni tal-knisja ta' H'Attard u f'dik taż-Żurrieq, għalkemm f'dawn iż-żewġ knejjes il-kopplettì jagħlqu b'lanterna, forsi biex tipprovdi d-dawl lill-kappellun minħabba ċ-ċokon tat-twieqi. F'Ħal Balzan ma kienx il-każ, billi t-twieqi tal-kor u l-kappelluni huma kbar biżżejjed biex idawlu l-knisja. Il-kappelluni tal-knisja ta' Ħal Balzan, apparti li huma spazjużi fil-wisa' tagħhom, huma wkoll arkitettonikament aktar raffinati mill-korsija: mal-pilastri prinċipali fil-kantunieri ta' kull kappellun jiżdiedu l-kontra-pilastri, u l-entablatura meta tasal fuq il-pilastri ma tibqax għaddejja fuq linja dritta, kif tagħmel fil-korsija, iżda tinkiser u tirsalta fuq kull pilastru u kontra-pilastru. Dan jgħin l-artikolazzjoni tal-linja vertikali fuq il-ħitan tal-knisja u jagħmilha aktar pronunzjata.

## Id-Dekorazzjoni ta' l-Artali

Il-knisja għandha għaxar artali, kif jgħidilna wkoll Achille Ferres fid-deskrizzjoni storika tiegħu tal-knejjes ta' Malta u Għawdex: l-artal maġġur u dak tal-kor, żewġ artali f'kull wieħed miż-żewġ kappelluni, u erbgħa fil-korsija. [25] Tneħħi l-maġġur u l-artal tal-kor, li diġà tkellimna fuqu, uħud mill-artali l-oħra kienu differenti minn kif narawhom illum. Hekk, ngħidu aħna, il-prospettivi taż-żewġ artali tal-kappelluni faċċata tal-bibien ta' barra, jiġifieri dawk ta' San Mikiel u ta' San Pawl l-Eremit, kellhom dekorazzjoni ta' skultura Barokka mill-isbaħ b'għadd ta' anġli madwarhom, kif jixhdu ritratti antiki. Iżda fl-aħħar tas-seklu 19, kif diġà rajna meta tkellimna dwar il-prospettiva ta' l-artal tal-kor, "f'Malta bdiet taħkem manija biex jillixxaw il-ħitan tal-knejjes u jneħħu elementi ta' skultura dekorattiva mill-prospettivi ta' l-artali." [26] L-istess xorti għaddew minnha ż-żewġ artali ewlenin tal-kappelluni, dawk tal-Kurċifiss u tal-Madonna tar-Rużarju. Hekk, dan ta' l-aħħar kellu madwaru ħmistax-il kwadru żgħir li jirrappreżentaw il-misteri tar-Rużarju, [27] filwaqt li madwar l-artal tal-Kurċifiss, "qalb l-iskultura, kien hemm ħmistax-il kwadru jirraffiguraw il-misteri tal-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu, u wieħed minn dawn il-kwadri kien ta' l-Aħħar Ċena." [28]

Illum, minflok l-elementi figurattivi ta' sħab u xbihat ta' anġli jittajru f'bixra xi ftit movimentata, naraw prospettivi aktar arkitettoniċi b'format vertikali, b'sistema ta' kolonni weqfin fil-ġnub tal-kwadru ta' l-artal. Iż-żewġ prospettivi imponenti ta' l-artali tal-Kurċifiss u tal-Madonna tar-Rużarju, li jiddominaw il-kappelluni, kif ukoll l-erba' artali tal-korsija, għandhom kolonni dekorati b'mod elaborat ħafna u b'kapitelli ta' ordni Korint, filwaqt li ż-żewġ artali l-oħra huma ta' ordni Kompost. Dawn il-prospettivi tal-kappelluni għandhom il-kolonni weqfin fuq zokklatura xi ftit



*Il-prospettiva ta' l-artal tal-Kurċifiss, xogħol sabiħ ta' skultura dettaljata fil-ġebla Maltija. Prospettiva pariġġa tinsab fil-faċċata tagħha fl-artal tal-Madonna tar-Rużarju.*



*Dehra tat-tanbur tal-koppla minn barra.*



*Dettal ta' wieħed mill-pilastri tal-koppla minn barra, bil-kapitell ta' ordni Joniku, komplut bil-gwarniċa u bil-finiment ornamentali, li jagħti ċerta delikatezza lill-koppla.*

għolja, u fihom xogħol dettaljat ħafna ta' skultura mill-isbaħ fil-ġebla Maltija, bl-arkitrav, il-friż, u l-gwarniċa, flimkien mal-għeluq fit-tond li jogħla 'l fuq saħansitra mill-gwarniċun tal-knisja. Fil-ġnub u l-impostaturi tan-niċeċ ta' l-artali tal-korsija nsibu motivi ta' pjanti biz-zkuk u l-weraq, għenieqed ta' frott u għasafar, kif ukoll anġli, kollox minqux b'reqqa kbira. Hawn ma nistgħux ma nirrikonoxxux il-kontribut kbir u siewi li taw l-imgħallmin, l-*iscalpellini*, u nies oħra tas-sengħa li kellna f'pajjiżna u li ħallewlna dekorazzjoni tant rikka fil-knejjes tagħna. Irridu ngħidu wkoll li dan ma kienx ikun possibbli li ma kenitx il-ġebla Maltija tal-franka li, kif jgħid tajjeb il-Prof. Vinċenz Borg, ikkundizzjonat, kemm strutturalment kif ukoll artistikament, id-dekorazzjoni tal-knejjes tagħna. *"Malta's stone provided an excellent medium for decoration on account of its easiness to be carved and shaped by qualified artists."* [29]

## Il-Koppla

Ngħaddu issa għall-koppla, li nbniet bejn is-snin 1699 u 1707. [30] Fit-tislib fejn jingħaqdu flimkien il-korsija, il-kor, u l-kappelluni jitilgħu l-erba' ħnejjiet massiċċi fuq il-pilastri maġġuri, li fuqhom, u fuq l-erba' lunetti ta' bejniethom, tistrieħ il-bażi taċ-ċirku tal-koppla, li bħal kuruna tgħaqqad l-istruttura kollha. Il-koppla tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan, jikteb Dun Ġwann Dimech, "tiġbdek bi ġmielha u hija għaxqa għal kull min iħares lejha." [31] Jidher li din il-koppla tirrappreżenta fażi transizzjonali fl-evoluzzjoni tal-koppla Maltija, bejn il-koppli baxxi li ġew qabilha, bħal dawk ta' H'Attard u n-Naxxar, xogħol Tumas Dingli, u dawk aktar dinamiċi ta' l-epoka Barokka ddisinjati minn Gafa. It-tanbur ottagonali tal-knisja ta' Ħal Balzan huwa ogħla u allura jirrendiha ħafna aktar eleganti, kemm minn barra u aktar u aktar minn ġewwa, u t-twieqi huma akbar.

Il-koppla minn barra, flimkien mal-kampnar, toffri kuntrast mas-sempliċità tal-binja tal-knisja. Billi ċ-ċinta tal-knisja taqta' għad-dritt u m'għandhiex opramorta, kif diġà semmejna, il-koppla tidher ixxuxxata u titgawda kollha. It-tanbur ottagonali huwa mirfud minn tmien pilastri b'żewġ kantunieri ta' ordni Joniku, li fuqhom l-entablatura ma tibqax għaddejja dritta iżda tinkiser u toħroġ 'il barra fuq kull pilastru. It-twieqi, li fuq ġewwa huma rettangolari, minn barra jispiċċaw għat-tond b'arkitrav sempliċi mad-dawra ta' fuq. Fuq il-gwarniċa fuq il-pilastri nsibu tmien balal tondi bi tliet widnejn u b'piramida kull waħda, li jservu ta' ornament delikat għall-koppla. L-iskutella tal-koppla tagħlaq b'lanterna ta' qisien proporzjonati ħafna, b'mensoli eleganti, u b'salib imqiegħed fuq ornament minqux b'ċertu dettal. Mhux ta' b'xejn li l-Professur Quentin Hughes, filwaqt li jirreferi għal artiklu tal-



*Dehra tal-koppla minn ġewwa, li fiha jidhru tnejn mit-tmien karjatidi li qed jerfgħu l-kapitelli Joniċi.*

Kav. Vincenzo Bonello, jinnota *"the fine dome of Balzan church"*. [32]

Ngħaddu issa għal deskrizzjoni tal-koppla minn ġewwa. Għaddejja dawramejt fuq il-lunetti tal-pilastri maġġuri, u torbot flimkien it-tislib tan-navata prinċipali mal-kappelluni, tolqot l-għajn l-entablatura, bl-arkitrav, il-friż, u l-gwarniċun skolpiti kollha. Fuqha jistrieħ it-tanbur ċilindriku, li madwaru hemm tmien pilastri/kolonni ta' ordni Joniku li, flimkien mat-twieqi, jistrieħu fuq bażi, donnha sekond'ordni, li titla' minn fuq il-gwarniċun. L-oriġinalità u l-ġmiel ta' din il-koppla ġejjin mill-fatt li l-kapitelli huma miżmumin minn tmien figuri, uħud maskili u oħrajn femminili, ta' etajiet differenti, skolpiti mill-qadd 'il fuq. Dawn għandhom pożizzjonijiet differenti, u qed jerfgħu fuq daharhom, min b'id waħda min biż-żewġ idejn, il-parti ta' fuq tal-kolonna li tispiċċa b'kapitell Joniku. Dawn il-figuri jissejħu 'karjatidi'. [33] Fuq il-gwarniċa u madwar it-twieqi tal-koppla huwa ornamentat b'motivi Barokki ta' arzell u frieghi tal-palm, puttini u anġli jżommu girlandi ta' weraq u ward. "L-iskultura u l-karjatidi jirrendu l-koppla iżjed sinjorili u maestuża, barra milli hija wkoll artistikament perfetta u arkitettonikament eżatta." [34] L-entablatura tinkiser u toħroġ 'il barra mhux biss fuq il-pilastri imma saħansitra fuq kull waħda mit-tmien twieqi, biex hekk tingħata ċerta eleganza ġeometrika lill-koppla. Minn fuq il-gwarniċ tat-tanbur jitilgħu tmien kustilji rqaq f'għamla ta' pilastri li jaqsmu l-koppla fi tmien flieli. Dawn il-pilastri pjuttost lixxi jispiċċaw b'kapitell ta' ordni Kompost, u fuqhom jistrieħ iċ-ċirku tal-lanterna. Għalkemm Dun Ġwann Dimech donnu jissuġġerixxi li l-użu tal-karjatidi jista' jitfa' dawl fuq min seta' kien l-arkitett ta' din il-koppla, irridu ngħidu li l-arkitett tagħha għadu sal-lum mhux magħruf. [35]

## Il-Kampnar

Il-knisja ta' Ħal Balzan tappartjeni lill-knejjes b'kampnar wieħed, bħal dawk ta' H'Attard, il-knisja l-qadima ta' Birkirkara, u oħrajn fix-xaqliba l-oħra ta' Malta, bħall-Imqabba u Ħal Safi. Dan il-kampnar jinsab mal-faċċata tal-kappellun tan-naħa tax-xellug, dak li nsibuh bħala l-kappellun tal-Kurċifiss. Il-kampnar għandu żewġ faċċati n-naħa ta' barra u t-tnejn l-oħra jmissu mal-kappellun. "Kif il-bennejja lestew ix-xogħol tal-bini tal-koppla fl-1707," jikteb Dun Ġwann Dimech, "dikment qabdu jibnu l-kampnar. Peress li żewġ ħitan kienu mibnija mal-kappellun tal-Kurċifiss, tlesta fiż-żmien qasir ta' sena biss." [36] Fil-fatt, fir-relazzjoni tat-tielet viżta pastorali ta' l-Isqof Cocco Palmieri fl-20 ta' Mejju 1709, insibu: "Kampnar li għadu kemm inbena n-naħa tax-xellug tal-knisja li titla' għalih minn rampa u li għandu bieb fit-triq pubblika. F'dan il-kampnar hemm qanpiena." [37]

Dan il-kampnar ġie deskritt bħala "eleganti u proporzjonat tajjeb" minn Quentin Hughes u Conrad Thake, u jservi *"as a distinctive landmark within the historic village core"*. [38] Il-kampnar huwa kwadru, b'pilastru bl-imbroll ta' ordni Kompost f'kull waħda mill-erba' kantunieri. Din l-għamla kwadra tibqa' tielgħa sal-gwarniċun, billi l-entablatura ma taqtax fuq il-pilastri. Il-kampnar għandu erba' twieqi, b'fetħa ovali fuq kull tieqa li tasal sal-friż. Fuq kull tieqa nsibu arkitrav elaborat li, flimkien ma' l-ornamentazzjoni ta' madwar it-twieqi u l-fetħiet ta' fuqhom, jagħtu ċerta ħlewwa lill-kampnar. Il-kwadranti ta' l-arloġġ taħt it-twieqi, fuq iż-żewġ



*Dehra tal-kampnar maestuż tal-knisja ta' Ħal Balzan, li jiddomina l-misraħ u l-inħawi ta' madwar il-knisja.*

naħat tal-kampnar li jagħtu fuq barra, ikomplu jagħtuh l-unita tiegħu. Il-gwarniċa tal-kampnar hija nkurunata b'erba' fillieri ta' balavostri li għandhom l-għamla ta' ċombini, u fuq il-pilastri tal-kantunieri nsibu finiment li jikkompleta din l-opramorta. Dan l-istess finiment insibuh ripetut, imma kemxejn aktar elevat, madwar il-bażi tal-piramida ottagonali li tagħlaq il-kampnar. Fil-quċċata tal-piramida naraw ġebla ornamentali li tispiċċa għall-ponta bil-pinnur fuqha.

## Il-Ħtieġa tar-Restawr

Dan il-ħjiel ħafif dwar l-istorja u l-arkitettura tal-knisja parrokkjali tagħna jgħinna nifhmu u napprezzaw aktar il-wirt li ħadmu għalih u ħallewlna missirijietna. Dan il-wirt, li wasal għandna b'ħafna sagrifiċċji, aħna fid-dmir li ngħadduh lil uliedna u lil ulied uliedna. Dan it-tempju kkonsagrat lil Alla, u ddedikat lil Marija Annunzjata, huwa l-post li jgħaqqadna flimkien bħala komunità parrokkjali. F'għeluq it-350 sena mit-twaqqif tal-parroċċa, huwa żmien tajjeb li, barra li nkomplu ninbnew f'komunità li temmen, li tittama, u li tħobb, naħsbu wkoll fir-restawr ta' din il-knisja tagħna, li fuqha l-mixja tas-snin ilha li bdiet tħalli l-marki tagħha. Għaldaqstant nittamaw li ma ndumux ma naraw il-bidu u t-tmiem tal-proġett tar-restawr tal-knisja minn barra, magħmul minn nies professjonali u esperti fil-materja. Dan huwa r-rigal xieraq li aħna, il-komunità parrokkjali ta' l-ewwel snin tas-seklu 21, nistgħu nagħtu lill-ġenerazzjonijiet futuri.

---

Hajr lil Dr Bernard Bezzina BChD, ALCM, AMusVCM, tal-fotografija, u lis-Sur Adrian Galea tal-għajnuna fil-kejl tal-qisien tal-knisja.

**Referenzi:**

[1] Dimech, (Mons. Dun) Ġ., *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999*, Malta, Kunsill Lokali Balzan, 2004, 55.

[2] A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) (Segreterija), V(iżta) P(astorali) Balaguer M., fol. 165, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 55.

[3] Dimech, Ġ. (2004), 55.

[4] Dimech, Ġ. (2004), 54.

[5] Ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 57.

[6] Dimech, Ġ., "Siltiet mill-Istorja ta' Ħal Balzan – Il-Knisja ta' Santa Marija", *Ħal Balzan*, Jannar/Frar 1973.

[7] AKA (Segreterija), VP Alpheran de Bussan, P., fol. 727, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 65.

[8] Borg, V., "Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi Tinbena u Tithejja għal Jum il-Konsagrazzjoni Tagħha", f'J.F. Grima (ed.), *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja*, Malta 1984, 13.

[9] Ellul, M., "Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi – Apprezzament Arkitettoniku", f'J.F. Grima (ed.), (1984), 42.

[10] L-arkitett li ddisinja l-knisja ta' Ħal Balzan juża l-ordni Toskan b'elementi meħuda mill-istil Doriku. Fl-arkitettura vernakulari Maltija, l-arkitetti tagħna jħossuhom liberi li jżidu elementi u jħallu barra oħrajn li normalment jiffurmaw parti minn ordni klassiku, u hekk jevolvu l-istil partikulari tagħhom.

[11] L-eqdem fost dawn l-istili huwa l-ordni Doriku, stil sempliċi li jmur lura għas-seklu sebgħa qabel Kristu. Dan l-istil żviluppa fil-penisola Griega u fil-kolonji tagħha tal-punent, bħal Sqallija u l-Italja t'isfel. Huwa stil robust li jibbaża ħafna fuq linji dritti. L-ordni Joniku huwa t-tieni ordni arkitettoniku. Dan l-ordni oriġina fil-gżejjer tal-baħar Eġew daqs mitt sena wara dak Doriku. L-istil Joniku hu aktar elaborat, u għalhekk x'aktarx jolqot aktar l-għajn. Il-karatteristika ta' dan l-istil huwa l-kapitell b'żewġ rombli mibrumin għat-tond fuq kull naħa. It-tielet ordni fl-arkitettura klassika huwa dak imsejjaħ Korint, li żviluppa fil-belt ta' Ateni fis-seklu ħamsa qabel Kristu. Dan l-ordni arkitettoniku aktar tard infirex ħafna wkoll fl-arkitettura ta' Ruma tal-qedem. Il-karatteristika ta' dan l-istil huma l-kapitelli kbar imżejnin bil-weraq ta' l-akantu. Għalkemm dawn huma t-tliet ordnijiet ewlenin, biż-żmien żviluppaw żewġ ordnijiet arkitettoniċi oħra, l-ordni Toskan u l-ordni Kompost. (*Larousse Encyclopedia of Prehistoric and Ancient Art*, The Hamlyn Publishing Group Limited, 1966).

[12] Hughes, Q. u Thake, C., *Malta: The Baroque Island*, Malta, Midsea Books Ltd, 2003.

[13] De Lucca, D. u Thake, C., *The Genesis of Maltese Baroque Architecture: Francesco Buonamici*, Malta, University of Malta, 1994.

[14] Hughes, Q. u Thake, C. (2003), 138.

[15] Ellul, M. (1984), 43.

[16] Mahoney, L., *A History of Maltese Architecture*, Malta 1988, 204.

[17] Hughes, Q., *The Building of Malta 1530-1795*, London, Alec Tiranti, 1967, 96.

[18] Hughes, Q. u Thake, C. (2003), 138.

[19] AKA (Segreterija), VP Cocco Palmieri D., fol. 22, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 62.

[20] AKA (Segreterija), VP Cocco Palmieri D., fol. 281, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 62-63.

[21] Dimech, Ġ. (2004), 63.

[22] Borg, V., "Maltese Churches", fi Giovanni Mangion (ed.), *Maltese Baroque*, Malta 1989, 68. Il-kittieb jgħid li Lorenzo Gafa adotta din l-għamla apsidali fil-knejjes tiegħu. Anke Giovanni Barbara juża l-apside fil-knisja parrokkjali tas-Salvatur f'Ħal Lija, kemm fil-kor kif ukoll fil-kappelluni. Dan l-iżvilupp arkitettoniku laħaq il-milja tiegħu fil-knisja kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara.

[23] Dimech, Ġ. (2004), 92-93.

[24] Borg, V. (1989), 71.

[25] Ferres, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 510.

[26] Dimech, Ġ. (2004), 134.

[27] AKA (Segreterija), VP Cocco Palmieri D., fol. 251, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 128.

[28] AKA (Segreterija), VP Cannaves J., fol. 212, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 109.

[29] Borg, V. (1989), 69.

[30] Fir-relazzjoni tal-viżta pastorali tiegħu ta' l-20 ta' Settembru 1699, l-Isqof Cocco Palmieri jgħidilna li "ser jibda l-bini tal-koppla", filwaqt li mill-viżta tiegħu ta' l-20 ta' Mejju 1709 insiru nafu li l-koppla kienet għadha kemm tlestiet. (AKA (Segreterija), VP Cocco Palmieri D., fol. 251, ikkwotat minn Dimech, Ġ., 2004, 81-82). Minn diversi kontijiet u ħlasijiet ta' xogħol konness mal-bini tal-koppla, Dun Ġwann Dimech jikkonkludi li l-bini tal-koppla tlesta fil-bidu ta' Ġunju 1707. (Dimech, Ġ., 2004, 82).

[31] Dimech, Ġ. (2004), 81.

[32] Hughes, Q. (1967), 96.

[33] Il-'karjatidi' huma figuri femminili li jservu ta' kolonni jew pilastri fit-tempji tal-Greċja tal-qedem. X'aktarx li l-aktar eżempju tipiku fejn naraw l-użu tal-karjatidi huwa l-*Erechtheum* ta' Ateni. Dan it-tempju fuq l-Akropoli huwa wieħed mill-kapolavuri ta' l-arkitettura Griega, u nbena bejn is-snin 421 u 405 q.K. Għalkemm, biex inkunu eżatti, meta l-figuri jkunu maskili dawn jissejħu 'atlanti' jew 'telamoni', il-

kelma 'karjatidi' maż-żmien bdiet tintuża b'mod ġenerali għall-figuri taż-żewġ sessi.

[34] Dimech, Ġ. (2004), 84.

[35] Dun Ġwann Dimech (2004, 81) jissuġġerixxi li l-arkitett seta' kien Giovanni Barbara billi huwa jimxi fuq Quentin Hughes, li attribwixxa s-Seminarju ta' l-Imdina, illum il-Mużew tal-Katidral, lil dan l-arkitett (Hughes, Q., 1967, 181), u fil-faċċata ta' dan il-bini naraw żewġ atlanti (jew karjatidi) fuq kull naħa tal-bieb prinċipali qed iżommu l-gallarija. Iżda din l-attribuzzjoni lil Giovanni Barbara llum hija miċħuda mill-istudjużi moderni. Hemm il-probabilta li l-arkitett tas-Seminarju ta' l-Imdina seta' wkoll ma kienx Malti. (Buhagiar, M. u Fiorini, S., *Mdina: The Cathedral City of Malta*, Volum II, The Central Bank of Malta, 1996, 576).

[36] Dimech, Ġ. (2004), 70.

[37] AKA (Kanċellerija), VP Cocco Palmieri D., fol. 14, ikkwotat minn Dimech, Ġ. (2004), 70.

[38] Hughes, Q. u Thake, C. (2003), 138.

**Kotba oħra li ġew ikkonsultati:**


Borg, V., ma' (Mons.) K. Sant u R. Bonnici Cali, *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, Malta 1973.

Borg, V., ma' A. Zammit u R. Bonnici Cali, *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija*, Malta 1982.

Braun, H., *An Introduction to Maltese Architecture*, Malta 1944.

*Larousse Encyclopedia of Renaissance and Baroque Art*, The Hamlyn Publishing Group Limited, 1964.

Terribile, T., *Teżori fil-Knejjes Maltin: Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħal Lija*, Malta, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2003.

Sammut E., *Notes for a History of Art in Malta*, Malta 1954.

Thake, C., *Baroque Churches in Malta*, Arcadia Publishers, 1995.